

# L-Ispezzjoni tat-Tagħmir għall-Applikazzjoni tal-Pestiċidi

INFORMAZZJONI GĦALL-BDIEWA U PERSUNI OĦRA LI JUŻAW IL-PESTIĊIDI GĦAL UŻU PROFESSJONALI

MCCAA

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

## Għaliex huwa importanti li t-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi jiġi spezzjonat?

Tagħmir miżmum tajjeb u spezzjonat regolarment jgħin biex jiġi assigurat illi l-applikazzjoni tal-pestiċidi issir b'mod sikur, kemm għal min qed jużah, kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem, u għall-ġid tal-ambjent. L-ispezzjoni tiżgura li l-applikazzjoni tal-pestiċidi qed issir b'mod effiċjenti u preċiż fuq l-uċuħ tar-raba, il-pjanti u s-siġar.

L-ispezzjoni tat-tagħmir għall-applikazzjoni tal-pestiċidi hija waħda mir-rekwiżiti fir-Regolamenti tal-Użu Sostenibbli tal-pestiċidi (Avviż Legali 489 tal-2011).

## X'jiġi ċċekkjat waqt spezzjoni?

- L-ispezzjoni tkopri l-aspetti kollha li huma importanti biex jinkiseb livell għoli ta sigurtà u ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.
- It-tagħmir jigi ċċekkjat li qiegħed jiffunzjona b'mod affidabbli filwaqt li jiġi żgurat li l-pestiċidi jistgħu jiġu ddożati u distribwiti b'mod preċiż.
- It-tagħmir jiġi spezzjonat skont Skeda Nru 2 tal-Avviż Legali 489 tal-2011.
- It-tagħmir kollu li jgħaddi mill-ispezzjoni jinħariġlu ċertifikat u jkun immarkat b'tikketta unika.

## Tagħmir li huwa eżentat milli jiġi spezzjonat

- Sprejers li jinġarru fuq id-dahar u operati manwalment b'tank b'kapaċità sa massimu ta' 20 litru.
- Sprejers li jinżammu fl-idejn u operati manwalment.



## Kull meta għandha ssir spezzjoni fuq it-tagħmir?

**It-tagħmir li mhux eżentat mill-ispezzjoni għandu jiġi spezzjonat mill-inqas darba sal-1 ta' Jannar 2020:**

- Ċertifikazzjoni maħruġa sal-1 ta' Jannar 2020 għal sprejers li jinġarru fuq id-dahar b'tank b'kapaċità sa 7 litri u li jaħdmu b'mutur b'qawwa ta' magna sa 2Hp għandha tibqa' valida għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin.
- Ċertifikazzjoni maħruġa sal-1 ta' Jannar 2020 għal sprejers li jinġarru fuq id-dahar li jaħdmu b'mutur jew b'tipi ta' enerġija oħra għandha tibqa' valida għal perjodu ta' mhux aktar minn 4 snin.
- Ċertifikazzjoni maħruġa sal-1 ta' Jannar 2020 għal tagħmir ieħor għall-applikazzjoni tal-pestiċidi mhux imsemmi f'punti (1) u (2) għandha tibqa' valida għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin.



**Wara l-1 ta' Jannar 2020, l-ispezzjonijiet għandhom isiru skont il-validità msemmija hawn taħt:**

- Ċertifikazzjoni għal sprejers li jinġarru fuq id-dahar b'tank b'kapaċità sa 7 litri u li jaħdmu b'mutur b'qawwa ta' magna sa 2Hp għandha tibqa' valida għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin.
- Ċertifikazzjoni għal sprejers li jinġarru fuq id-dahar li jaħdmu b'mutur jew b'tipi ta' enerġija oħra għandha tibqa' valida għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin.
- Ċertifikazzjoni għal tagħmir ieħor għall-applikazzjoni tal-pestiċidi mhux imsemmi f'punti (1) u (2) għandha tibqa' valida għal perjodu ta' mhux aktar minn sentejn.

## X'inhu meħtieġ li jiġi ċċekkjat qabel il-proċedura għall-ispezzjoni?

Qabel ma t-tagħmir tal-applikazzjoni ta' pestiċidi jittieħed għall-ispezzjoni, għandu jkun żgurat li:

- It-tagħmir huwa nadif (mingħajr ebda traċċi ta' pestiċidi)
- It-tagħmir (inklużi l-aċċessorji) m'għandu l-ebda ħsara apparenti
- Iċ-ċineg huma fi stat tajjeb (f'każ ta' tagħmir li jinġarr fuq id-dahar)

## Xi jrid isir biex jiġi spezzjonat l-isprejer?

**Għandha timtela formola ta' applikazzjoni li tinsab fuq www.mccaa.org.mt**

PESTICIDES APPLICATION EQUIPMENT
STANDARDS AND METROLOGY INSTITUTE
MCCAA
CONTROL SYSTEM

## Għal aktar informazzjoni:


L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA)
Mizzi House,
Triq Nazzjonali,
Blata l-Bajda

laboratoryservices.mccaa@mccaa.org.mt

23952000 / 21496016


**www.mccaa.org.mt**